

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2011

4. Ihegġegħ lill-Gvern Ċiniż jaderixxi mal-obbligi kostituzzjonali tiegħu billi jagħti appoġġ adegwat lit-tradizzjonijiet kulturali ta' Kashgar u Xuar, li huma influwenzati ħafna mill-identità Uyghur;
5. Jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi jieħdu iktar miżuri biex jipprevjenu l-kummerċ illegali u l-attivitajiet ta' traffikar, li jikkontribwixxu għat-telf tal-wirt ta' ċivilizzazzjonijiet Ċiniżi;
6. Jitlob lill-Ministru Ċiniż għall-Kultura jirrevedi r-regolamenti u l-liġijiet eżistenti dwar il-protezzjoni tar-relikwi kulturali sabiex jadatta l-istil tal-ħajja attwali li dejjem qed tinbidel tal-grupp etniku ta' minoranza li xi drabi, mingħajr ma jkun konxju tat-teżori tagħhom, jagħmel użu mhux xieraq jew jirrifjuta l-protezzjoni tal-wirt kulturali tiegħu; jiddikjara li għandha tiġi promossa kampanja edukattiva fil-livell nazzjonali dwar din il-kwistjoni;
7. Ihegġegħ lill-Gvern Ċiniż biex jevalwa l-possibbiltà li jinkludi l-belt ta' Kashgar fl-applikazzjoni konġunta mal-Kazakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, u l-Uzbekistan għad-denominazzjoni ta' wirt dinji tal-UNESCO tat-Triq tal-Ħarir;
8. Jitlob lill-Gvern Ċiniż biex iwaqqaf il-politiki diskriminatorji u ripressivi kollha lejn il-popolazzjonijiet Uyghur u Hui, u jirrispetta d-dritt fundamentali tagħhom ta' espressjoni kulturali, billi jitqies b'mod partikolari Tursunjan Hezim, ex għalliem tal-istorja, li, wara proċess sigriet, intbagħat seba' snin il-ħabs, kif ukoll attivisti oħra li ngħataw sentenza f'dawn l-aħħar xhur;
9. Jitlob lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jfassal miżuri addizzjonali fil-kuntest tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem u dawk kulturali tal-gruppi ta' minoranzi etniċi, reliġjużi u lingwistiċi fiċ-Ċina;
10. Jitlob lir-rappreżentanti tal-UE u lill-Viċi-President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex iżidu u jintensifikaw id-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u biex jagħmlu d-djalogu tad-drittijiet tal-bniedem iktar effikaċi u orjentati lejn ir-riżultati;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi-President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-UNESCO, lill-Kungress Popolari Nazzjonali (u l-Kumitat Permanenti tiegħu) tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u lill-Kumitat Permanenti tal-Partit Reġjonali ta' XUAR.

L-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet

P7_TA(2011)0101

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet

(2012/C 199 E/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-ekonomija soċjali ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2010)0186.

Il-Ħamis 10 ta' Marzu 2011

- A. billi l-ġid u l-istabilità tas-soċjetà ġejjin mid-diversità tagħha f'dak li hu imprenditorjat, u billi l-assoċjazzjonijiet, is-soċjetajiet mutwi u l-fondazzjonijiet jikkontribwixxu għal dik id-diversità billi jipprovdu mudell kummerċjali distintiv ibbażat fuq valuri fundamentali, jiġifieri s-solidarjetà, is-sorveljanza demokratika u li wieħed jiffavorixxi l-oġġettivi soċjali aktar milli l-gwadann,
- B. billi, filwaqt li l-assoċjazzjonijiet, is-soċjetajiet mutwi u l-fondazzjonijiet s'issa żviluppaw f'kuntest primarjament nazzjonali, jeħtieġ li jtejbu l-aċċess transkonfinali biex jimmassimizzaw il-potenzjal imprenditorjali tagħhom fl-UE,
1. Jinnota li hu meħtieġ li jinħolqu "kundizzjonijiet ugwali" li jipprovdu lill-assoċjazzjonijiet, lis-soċjetajiet mutwi u lill-fondazzjonijiet strumenti u opportunitajiet ekwivalenti għal dawk disponibbli għal strutturi ġuridiċi organizzattivi oħrajn, biex b'hekk tingħata dimensjoni Ewropea lill-organizzazzjoni u lill-attivitatijiet tagħhom;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi meħtieġa biex tintroduċi proposti għal statuti Ewropej għall-assoċjazzjonijiet, is-soċjetajiet mutwi u l-fondazzjonijiet, tipproponi studju tal-fattibilità u valutazzjoni tal-impatt għall-istatuti għall-assoċjazzjonijiet u għas-soċjetajiet mutwi, u biex tlesti l-valutazzjoni tal-impatt għall-istatut għall-fondazzjonijiet fiż-żmien opportun;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ⁽¹⁾, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 1 tal-Minuti tal-10 ta' Marzu 2011 (P7_PV(2011)03-10(ANN1)).

Ħabtiet tal-vetturi għall-merkanzija tqila

P7_TA(2011)0102

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura dwar ħabtiet tal-vetturi għall-merkanzija tqila

(2012/C 199 E/25)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi l-vetturi għall-merkanzija tqila (HGVs) jikkostitwixxu 3 % tal-flotta tal-vetturi tal-UE, iżda huma l-kawża ta' 14 % tal-ħabtiet fatali, u jammontaw għal aktar minn 4 000 fatalità kull sena fis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- B. billi fl-Ewropa kull sena, madwar 400 persuna li fil-parti l-kbira tagħhom huma utenti tat-triq mhux protetti, bħal pereżempju ċ-ċiklisti, is-sewwieqa tal-mutur u n-nies bil-mixi, jinqatlu minħabba l-partijiet mhux viżibbli (*blind spots*) tal-HGVs,
- C. billi bosta minn dawn il-fatalitajiet jistgħu jiġu evitati permezz tal-istallazzjoni kompleta ta' mirja jew ta' tagħmir ta' kamera moniters, sistemi ta' twissija attiva, sistemi avvanzati għal ibbrejkar f'emerġenza u sistemi ta' indikazzjoni ta' ħruġ mil-lejn li dejjem qed isiru irħas,
- D. billi partijiet mhux viżibbli sinifikanti u perikolużi għadhom jeżistu fl-HGVs minkejja ż-żieda fir-reqwiziti dwar il-viżibilità tad-Direttivi 2003/97/KE u 2007/38/KE għall-HGVs li ġew irreġistrati reċentement u għal dawk fiċ-ċirkolazzjoni rispettivament,
- E. billi r-reqwiziti tal-2007 huma aktar dgħajfa minn dawk tal-2003 u ma ġewx implimentati biżżejjed mill-Istati Membri, minkejja l-aspirazzjoni tal-UE li tnaqqas bin-nofs il-fatalitajiet fit-toroq,